DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/1834

tas-6 ta' Ottubru 2021

li taħtar sitt membriu erba' membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti ta' korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta,

(2) Fl-20 ta' Jannar 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/102 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fid-19 ta' Mejju 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/682 ([3]), li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni. Fis-7 ta' Diċembru 2020, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2020/2076, li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni ([4]),

(3) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sur Massimiliano FEDRIGA, tas-Sur Christian SOLINAS u tas-Sur Donato TOMA u tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sa Manuela BORA, is-Sur Enrico ROSSI u s-Sa Alessandra SARTORE, saru vakanti s-siġġijiet ta' sitt membri fil-Kumitat tar-Reġjuni,

(4) Konsegwentement għar-riżenji tas-Sur Vincenzo DE LUCA, tas-Sur Domenico GIANNETTA u tas-Sur Arno KOMPATSCHER u tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġie propost għall-ħatra s-Sur Pierluigi MARQUIS, saru vakanti s-siġġijiet ta' erba' membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni,

(5) Il-Gvern Taljan ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025: is-Sur Guido CASTELLI, *Assessore della Regione Marche* (Ministru Reġjonali tar-Reġjun ta' Marche), is-Sur Michele EMILIANO, *Presidente della Regione Puglia* (President tar-Reġjun ta' Puglia) u s-Sur Eugenio GIANI, *Presidente della Regione Toscana* (President tar-Reġjun ta' Toscana),

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/102 tal-20 ta' Jannar 2020 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perijodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 20, 24.1.2020, p. 2).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/682 tad-19 ta' Mejju 2020 li taħtar membru supplenti, propost mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 161, 25.5.2020, p. 9).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/2076 tas-7 ta' Diċembru 2020 li taħtar żewġ membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 424, 15.12.2020, p. 55).

(6) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Nicola CAPUTO, rappreżentant ta' korp reġjonali jew lokali li huwa politikament responsabbli quddiem assemblea eletta, *Assessore della Regione Campania* (Ministru Reġjonali tar-Reġjun ta' Campania) bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

(7) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Luciano Emilio CAVERI, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Assessore e Consigliere della Regione autonoma Valle d'Aosta* (Ministru Reġjonali u Kunsillier tar-Reġjun Awtonomu ta' Valle d'Aosta) bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

(8) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Arno KOMPATSCHER, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Consigliere della Provincia autonoma di Bolzano – Presidente della Regione Trentino Alto-Adige e della Provincia autonoma di Bolzano* (Kunsillier tal-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano – President tar-Reġjun ta' Trentino Alto-Adige u tal-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Ottubru 2023.

(9) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Christian SOLINAS, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Presidente della Regione Sardegna* (President tar-Reġjun ta' Sardegna), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sat-28 ta' Frar 2024,

(10) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sa Donatella TESEI, rappreżentanta ta' korp reġjonali li għandha mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Presidente della Regione Umbria* (President tar-Reġjun ta' Umbria), bħala membru tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Ottubru 2024,

(11) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Donato TOMA, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Presidente della Regione Molise* (President tar-Reġjun ta' Molise), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sat-30 ta' April 2023,

(12) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Nicola ZINGARETTI, rappreżentant ta' korp reġjonali li għandu mandat elettorali ta' awtorità reġjonali, *Presidente della Regione Lazio* (President tar-Reġjun ta' Lazio), bħala membru supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Marzu 2023,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali jew li huma politikament responsabbli quddiem assemblea eletta huma b'dan maħtura fil-Kumitat tar-Reġjuni:

(a) bħala membri:

— is-Sur Guido CASTELLI, *Assessore della Regione Marche* (Ministru Reġjonali tar-Reġjun ta' Marche), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

— is-Sur Michele EMILIANO, *Presidente della Regione Puglia* (President tar-Reġjun ta' Puglia), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

— is-Sur Eugenio GIANI, *Presidente della Regione Toscana* (President tar-Reġjun ta' Toscana), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

— is-Sur Arno KOMPATSCHER, *Consigliere della Provincia autonoma di Bolzano – Presidente della Regione Trentino Alto-Adige e della Provincia autonoma di Bolzano* (Kunsillier tal-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano – President tar-Reġjun ta' Trentino Alto-Adige u tal-Provinċja Awtonoma ta' Bolzano) (bidla fil-mandat), sal-31 ta' Ottubru 2023,

— is-Sa Donatella TESEI, *Presidente della Regione Umbria* (President tar-Reġjun ta' Umbria), sal-31 ta' Ottubru 2024,

— is-Sur Nicola ZINGARETTI, *Presidente della Regione Lazio* (President tar-Reġjun ta' Lazio), sal-31 ta' Marzu 2023,

u

(b) bħala membri supplenti:

— is-Sur Nicola CAPUTO, *Assessore della Regione Campania* (Ministru Reġjonali tar-Reġjun ta' Campania), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

— is-Sur Luciano Emilio CAVERI, *Assessore e Consigliere della Regione autonoma Valle d'Aosta* (Ministru Reġjonali u Kunsillier tar-Reġjun Awtonomu ta' Valle d'Aosta), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

— is-Sur Christian SOLINAS, *Presidente della Regione Sardegna* (President tar-Reġjun ta' Sardegna), sat-28 ta' Frar 2024 (bidla fil-mandat),

— is-Sur Donato TOMA, *Presidente della Regione Molise* (President tar-Reġjun ta' Molise), sat-30 ta' April 2023 (bidla fil-mandat).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fil-Lussemburgu, is-6 ta' Ottubru 2021.

Għall-Kunsill
Il-President
A. VIZJAK